Il-Labtu. O xi ħlewwa,
Xi ġmiel, x'għaxqa ta' lbies!
Aqwa mill-mant tas-slaten,
Sabiħ, għani bla qies!
Ġmielek, isbaħ, Madonna,
Mill-ward ifuħ tal-ġonna,
Jidher ġo fih mirqum.

O x'tama f'din il-ħajja
Ta' slaleb, għawġ u mrar
Jitfa' ġo qalbna l-Labtu!
Aqwa mill-aqwa azzar
Fit-taqtigħat qerrieda,
X'ħin l-għadu għal għarrieda
B'qilltu għalina jqum.

Għaliex ja msejken bniedem,
Titnikket meta l-ħsieb
Tal-ħtija jaħkem fuqek,
W għat-tama ħelwa l-bieb
Ta' qalbek tagħlaq f'diqa?
Ta' l-Omm il-wegħda wtiqa
Kull qalb timla bis-sliem.

"Kulmin dil-libsa jilbes,
Inħarsu, qalet l-Omm,
Min-nar qalil ta' dejjem,
B'imħabba lilu nżomm
Bħall-egħżeż fost uliedi,
U fis mil-ħruq fejjiedi
Nerfgħu fl-hena bla tmiem".

Kif dielja mneżżgħa u għaxja,
Imkagħbra mit-taqlib
Tar-rwiefen, f'xitwa ħarxa,
Li l-qerda fl-għera jġib,
Mill-ġdid kif titbissmilha
Ħanina u sselmilha,
F'ewl ir-Rebbiegħa, x-xemx,

Ferħana tibda tħaddar
U bl-għeneb tarġa' tfur,
Tinfirex ma' kull naħa,
Hekk l-Ordni bl-hemm maħqur,
Li fl-għawġ kien għoddu nqered
Ixxettel raġa' u xtered,
Qalb ferħ li bħalu m'hemmx.

Bħalma tinfirex berqa
U ddawwal minnufih
Minn tarf ta' l-art għall-ieħor,
U turi f'dawlha lħiħ
Tal-ħlejjaq is-sbuħija,
U s-sema bl-isbaħ dija
Tixegħlu bħal bin-nhar,

Hekk xtered f'daqqa waħda,
Marija, il-lbies għażiż,
Li tajtna fl-aqwa mħabba;
Malajr, mill-aktar fis,
Tajjar mill-art id-dnewwa,
Mela bil-ferħ u l-ħlewwa
Kull ħsieb, kull qalb, kull dar.

U deher fi ġmielu jilma
Fuq sider il-Papiet,
Libsuh kbarat u slaten
Fuq l-ifjen dehbijiet;
L-għaref, il-kbir u ċ-ċkejken,
Il-fqir, l-għani u l-imsejken,
Ilkoll iżżejnu bih.

Rahan ta' ħelsien f'dal-Labtu,
Maħbuba Omm, waqqaft;
Int bih minn ħalq il-kiefer
Dragun wisq drabi ħtaft
Lil min għoddu nbaram,
Waqt l-għawġ li fih insaram,
Tad-dlamijiet fil-qiegħ.



Ħares, arahom issa
'L uliedek imxerrdin
Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha,
B'din il-Libsa mżejnin,
U miegħek, o Sultana,
Magħquda 'koll ferħana
Bi-imħabba qima jtuk.

Quddiem it-tron ta' sebħek
Aħna wliedek flimkien,
Miġbura llum ninxteħtu
F'riġlejk u bl-oħla lsien
Tifħir u ħajr ninsġulek
Minn qalbna u nsellmulek;
Bil-ħrara nitolbuk:

Bil-Libsa mqaddsa tiegħek
Imżejna żommna ħdejk,
Il-qlub li tbiegħdu minnek
Mill-ġdid iġbidhom lejk:
Jekk twajba dlonk seddaqna,
Jekk dgħajfa fis wettaqna;
Kun faraġ tagħna u dawl.

N.B. — Din il-poeżija kienet miktuba fl-1951, għall-festi tas-seba' ċentinarju tal-Labtu tal-Karmnu, iżda minħabba f'xi raġunijiet ma setgħetx tiġi stampata f'dik l-okkażjoni.

---

## REĊENSJONIJIET

Kull min jixtieq li ssirlu f'"IL-MALTI" reċensjoni ta' xi ktieb li jistampa għandu jibgħat lill-Editur ta' "IL-MALTI" kopja tal-ktieb.

Il-kotba li jinbagħtu bħala *kompliment personali* ma jitqisux bħala kopji għar-reċensjoni.